MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 520/2006

**Anthony Micallef (ID 267071M)**

**vs**

**Cyrus Louis Moreno (Passaport numru – 605024997)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas lill-attur bhala l-proprjetarju tal-fond Flat 2 Block B, The Rocklands, Windsor Terrace, Sliema, ta' seba' u hdax-il mija Lira Maltin u tmien centezmi (LM711.08) rapprezentanti bilanc dovut mill-istess konvenut lil attur in konnessjoni in kwantu ghal ammont ta' LM305.67 f'arretrai ta' kera, LM225.41 f'kontijiet tal-elettriku u LM180 f'valur ta' oggetti li nstabu neqsin mill-attur wara l-konvenut abbanduna l-post mikri mill-attur li huwa.

Ra lli lkonvenut  gie interpellat ihallas permezz ta' ittra legali datata 6 ta' April, 2006 pero' huw ama hallas ebda parti mill-ammont;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' April, 2006 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-25 ta' Mejju, 2006 u bl-imghax legali , mis-6 ta' April, 2006 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-Ispejjes u imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax  Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat minn Dr Simon  Schembri fil-5 ta' Dicembru, 2006;

Ra li l-konvenut  naqas li  jikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------